MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2012

Numru. 1179/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Tony Cachia]**

**vs**

**Marilyn Ann Gauci**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marilyn Ann Gauci detentrici tal-karta tal-identita` numru 236283(M).

Akkuzata talli:
Matul ix-xhud ta' Lulju, Awwissu u Settembru tas-sena 2011, minn go fond u cioe` residenza b'numru 37, Mabrouk, Flat 2, Ta' Brandin, Siggiewi, ikommettiet serq ta' 160 Ewro fi flus kontanti liema serq hu kkwalifikat bil-lok u bil-persuna ghad-detriment ta' Mario Aquilina u Sharon Aquilina; u

Aktar talli b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni tal-imputata ghall-akkuza kif dedotti kontriha, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha;

Rat il-provi, inkluz l-istqarrija tal-imputata u l-fatt illi hija kkoperat pjenament mal-prosekuzzjoni; u

Rat ukoll illi l-fedina penali tal-imputata hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 269 u 281 tal-Kap. 9 qed issib lill-imputata Marilyn Ann Gauci hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------